MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 3/2000/1

**Mark Causon**

**vs**

**Chairman tal-Bord dwar l-Ispizjara**

**Il-Qorti:**

Dan huwa appell minn decizjoni moghtija taht l-Artikolu 107 tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-

Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31, fis-16 ta' Dicembru, 1999 li permezz taghha l-Bord dwar l-Ispizjara kien ikkundanna lill-*Pharmacy Technician* Mark Causon multa ta' elf lira (Lm1,000) u tlett (3) xhur sospensjoni mix-xoghol ta' *pharmacy technician* billi "ismu jinqata' mir-Registru ta' l-*Pharmacy Technicians* b'effett immedjat". L-akkuzi originarjament migjuba kontra l-appellant permezz ta' avviz ta' inkjesta datat 5 ta' Lulju, 1999 (ara Red 17 tal-pratika anness mal-process, PB 5/99) kienu "overcharging and not registering all medicines sold in the daily register". L-imsemmi Causon instab hati biss ta' l-ewwel akkuza (cioe` "overcharging") u appella minn din id-decizjoni kif provdut fl-Artikolu 113(3) tal-Kap. 31, disposizzjoni resa applikabbli ghall-ispizjara u l-*pharmacy technicians* permezz tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 114 tal-imsemmi Kap. 31. Qabel ma din il-Qorti tezamina *seriatim* id-diversi aggravji ta' l-appellant Causon, kif ukoll l-eccezzjoni preliminari mqajjma mill-appellat, tajjeb li jigu precizati certi punti.

Dana l-appell hu kwazi identiku ghal dak li qed jigi deciz illum stess fl-ismijiet ***Reno Schembri Wismayer v. Chairman tal-Bord dwar l-Ispizjara*** (App. nru. 1/2000). In fatti, a skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghal dik is-sentenza, u partikolarment ghall-motivazzjonijiet migjuba f'dik is-sentenza fir-rigward ta' ilmenti ta' natura procedurali, u tordna li kopja ta' dik is-sentenza tigi annessa ma' din is-sentenza bhala Appendici "A" biex tifforma parti integrali minnha. Hemm, pero`, xi differenzi. Apparti li fil-kaz ta' Causon dan gie liberat mit-tieni akkuza, l-appellant odjern kien talab li jigi skuzat milli jattendi s-seduta tal-Bord mizmuma fl-14 ta' Lulju, 1999 peress li ghal dik is-seduta l-avukata tieghu ma setghetx tattendi[1]. Fil-fatt, mit-*transcript* ta' l-imsemmija seduta tal-14 ta' Lulju, 1999 jirrizulta li l-appellant deher fil-bidu tas-seduta, rega talab lic-Chairman biex jigi ezentat, u c-Chairman (l-Avukat Dott. Martin Fenech) qallu li ghal dik il-gurnata seta' jmur, u l-appellant hekk ghamel. F'dik is-seduta, kif diga gie osservat fis-sentenza ta' ***Schembri Wismayer***, instemghu

[1] Ara l-ittra tieghu, Red 20 tal-pratika PB 5/99.

l-unici "provi" fl-inkjesta (li kienet qed tigi kondotta kemm kontra l-appellant odjern kif ukoll kontra l-Ispizjar Schembri Wismayer). Fil-pratika imsemmija hemm, Red 30, kopja ta' "verbal" li jidher li gie ezibit mill-avukata ta' Causon. Ma jirrizultax mill-atti kif u meta dan il-"verbal" gie presentat, pero` fi kwalunkwe kaz din il-Qorti ma tarax li dana l-"verbal" huwa ta' importanza ghall-meritu ta' dan l-appell. Fis-seduta tat-30 ta' Settembru, 1999 jirrizulta li, miz-zewg akkuzati, deher biss l-appellant odjern assistit mill-Avukata Dott. Nicole Vella de Fremaux. Rega' tqajjem punt preliminari ta' ligi, u wara hemm imnizzel hekk fit-*transcript* ta' dik is-seduta:

**Il-Bord wara li saqsa domanda lil Mark Causon ghar-rigward xhieda bil-gurament ta' Schembri Wismayer[2] fejn bil-gurament iddikjara li qed jaghraf il-firma ta' Mark Causon, l-istess Mark Causon assistit mill-avukat tieghu li jaghzel li ma jixhedx skuzani li ma jwegibx.**

Hemm imbaghad it-*transcript* tas-seduta tal-14 ta' Ottubru, 1999, ghal liema seduta rega' ma attendix Schembri Wismayer u l-avukat tieghu, izda attenda Mark Causon, u l-avukata tieghu ghamlet it-trattazzjoni finali. Mid-decizjoni tal-Bord moghtija fil-konfront ta' Causon fis-16 ta' Dicembru, 1999 (Red 59 fil-pratika PB 5/99) <u>jidher car li l-Bord ibbaza d-decizjoni tieghu ta' htija fuq l-akkuza ta' "overcharging" esklussivament fuq id-deposizzjoni ta' Schembri Wismayer fis-seduta tal-14 ta' Lulju, 1999</u>. Ghalhekk anke fir-rigward ta' Causon ma ingabu ebda xhieda in sostenn ta' l-akkuza kif rikjest bir-regola 13(a) tal-A.L. 76/1969.

Differenza ohra hi li f'dana l-appell l-appellat inghata l-opportunita` li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet sal-14 ta' Frar, 2003 bil-visto jew notifika tal-Avukat Dott. Adrian Delia (difensur ta' l-appellant f'dana l-appell). L-appellat ipprezenta nota, pero` fit-18 ta' Frar, 2003, u ghalhekk wara li kien skadielu t-terminu. Konsegwentement din il-Qorti mhix ser tiehu konjizzjoni ta' l-imsemmija nota.

[2] Ir-referenza hija ghal dak li qal il-ko-akkuzat Schembri Wismayer bil-gurament fis-seduta tal-14 ta' Lulju, 1999.

L-appellat, fir-risposta tieghu ghar-rikors ta’ appell, eccepixxa preliminarjament l-irritwalita` u n-nullita` ta’ l-istess appell peress li dan, skond l-appellat, kien gie prezentat wara gheluq iz-zmien stabbilit fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 113 tal-Kap. 31, u cioe` wara li kienu ghaddew wiehed u ghoxrin gurnata min-notifika tad-decizjoni tal-Bord lill-istess Causon. Din l-eccezzjoni hija infondata. Anke li kieku wiehed kellu jassumi li d-decizjoni giet notifikata fl-istess gurnata li nghatat – cioe` fis-16 ta’ Dicembru – skond il-kalendarju Gregorjan u l-Artikolu 102 tal-Kap. 12 il-wiehed u ghoxrin gurnata kienu jiskadu fis-6 ta’ Jannar tas-sena ta’ wara. L-appell effettivament gie prezentat fis-6 ta' Jannar, 2000, u ghalhekk din l-eccezzjoni preliminari qed tigi respinta.

L-ewwel aggravju ta’ l-appellant hu sostanzjalment simili ghall-aggravju sollevat mill-appellant Schembri Wismayer fl-appell tieghu, u cioe` li ma gewx osservati d-disposizzjoni tar-regola 4 tar-Regola tal-Bord dwar l-Ispizjara dwar il-Procedura biex jithassru l-Ismijiet (A.L. 76/1969), bid-differenza li l-appellant Causon ma jikkoncedix li kien hemm kwerela guramentata. Din il-Qorti tosserva li anke fil-kaz ta’ Causon ma jirrizultax li qabel ma hareg l-avviz ta’ inkjesta huwa kien gie notifikat b’kopja tal-kwerela guramentata kif rikjest bir-regola 4(3).

Din il-Qorti ma tarax ghalfejn ghandha tezamina it-tieni u t-tielet aggravji ta’ l-appellant Causon u ser tghaddi mill-ewwel ghar-raba’ aggravju li jidhol f’diversi aspetti tal-meritu, u cioe` ta’ jekk effettivament kienx hemm prova valida skond il-ligi ta’ “overcharging” da parti ta’ l-appellant. In fatti, fil-kors ta’ l-esposizzjoni ta’ dana l-aggravju – li, din il-Qorti jkollha tosserva, huwa redatt b’mod xejn lucidu, anzi huwa pjuttost lingwistikament u koncettwalment ingarbuljat – l-appellant jghid hekk:

**Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ix-xhieda tas-Sur Schembri Wismayer hija wkoll nulla stante illi r-regolamenti kontemplati fl-istess Artikolu [recte: regola] 13 li jispecifika l-procedura quddiem il-Bord ma gietx segwita…Illi in vista tas-suespost l-esponent**

**jissottometti illi dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi x-xhieda [<u>recte</u>: xiehda] ta' Schembri Wismayer kienet inammissibbli u irregolari fil-proceduri quddiem il-Bord u ghalhekk teskludiha u tiddikjaraha inammissibbli f'dana l-istadju ta' appell.**

Din il-Qorti diga osservat, fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet ***Reno Schembri Wismayer v. Chairman tal-Bord dwar l-Ispizjara***, li l-mod li bih il-Bord (jew, ahjar, ic-Chairman tal-Bord) <u>interroga taht gurament</u> lill-indagat Schembri Wismayer bi ksur lampanti tar-regola 13 u ta' kull principju ta' smigh xieraq, kien jivvizja kompletament il-process. Il-process kontra Schembri Wismayer u kontra l-appellant odjern kien process wiehed, b'mod ghalhekk li taht ebda cirkostanza ma jista' dak li qal Schembri Wismayer fl-interrogatorju imsemmi jittiehed bhala prova kontra l-ko-akkuzat Causon (u dan apparti li Schembri Wismayer ma kienx qed jingieb bhala xhud in sostenn ta' l-akkuza kontra Causon – regola 13(a) – u bhala <u>ko-akkuzat</u> anqas seta jigi hekk prodott. Jekk tnehhi d-deposizzjoni ta' Schembri Wismayer tal-14 ta' Lulju, 1999 ma jibqa ebda prova skond il-ligi kontra Causon fir-rigward ta' l-akkuza ta' "overcharging". Ghalhekk l-appell jimmerita li jigi akkolt.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-appell u konsegwentement tirriforma d-decizjoni tal-Bord tas-16 ta' Dicembru, 1999 billi thassarha f'dik il-parti fejn sabet lil Mark Causon hati ta' "overcharging" kif ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannatu multa ta' elf lira u tlett xhur sospensjoni mix-xoghol ta' *Pharmacy Technician* "billi ismu jinqata' mir-Registru ta' l-*Pharmacy Technicians* b'effett immedjat", u minflok tilliberah minn din l-akkuza u mill-piena komminata mill-istess Bord; u tikkonferma d-decizjoni appellata fil-bqija. L-ispejjez ta' dana l-appell ghandhom jigi sopportati kollha mill-appellat.

Deputat Registratur

gs

**APPENDICI A**

Kopja tad-decizjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell illum 8 ta' Mejju, 2003 fl-ismijiet Reno Schmebri Wismayer vs Chairman tal-Bord dwar l-Ispizjara qeghdha tigi annessa biex tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------